

Lil Andrea, Kbir Appostlu
Jixraq wisq li nonoraw
U bħala protettur tagħna
Lilu mmorru nimitaw.

# Statwa Storika ta' Sant'Andrija fil-Pjazza ta' Marsaxlokk

**Giovanni Farrugia**
*Riċerkatur u Storiku*

Meta wieħed jistudja l-istorja tal-irħula tagħna jsib li waqt xi mumenti l-iktar storiċi, kull fejn kienu l-Ħalluqin, xerrdu devozzjoni serja lejn il-Patrun tagħhom Sant'Andrija ta' Ħal Luqa. Dan ifisser kemm missirijietna ħadu bis-serjetà l-prinċipji reliġjużi li kienu jħaddnu.

Madwar ix-xatt ta' Marsaxlokk bdew jabitaw diversi nies minhabba li l-bahar kien il-mistier taghhom. Ghall-ewwel dawn id-djar izjed kienu jintuzaw bhala villeggjatura izda aktar tard dawn id-djar saru residenzjali.

F'din il-ġrajja interessanti se naraw l-iskop li għalih ġiet magħmula din l-istatwa fil-pjazza ta' Marsaxlokk. Iżda għalkemm għamilna riċerki b'ċerta għaqal ftit taw riżultati kif xtaqna.

Kien fl-1740 *cirka,* meta ċertu sajjied, Indri mlaqqam il-Ħalluqi, (għax kien minn Ħal Luqa) u oħrajn li ssoltu kienu joħorġu jistadu flimkien, ħarġu 'l-barra mhux ħażin. Meta ġew biex iduru lejn l-art, il-baħar beda jhabbatthom sew, tant li bdew jaqtgħu qalbhom li se jidħlu qawwijin u sħaħ. Għal din is-sitwazzjoni, bdew jitolbu bil-ħerqa lil Sant'Andrija, biex isalvalhom hajjithom. Wara li ssiltu mal-mewġ kemm felħu, u talbu kemm felħu b'qalb sinċiera, ftehmu li jagħmlu statwa ta' Sant'Andrija f'post fejn tidher, jekk jeħilsu minn din il-maltempata.

Kien għall-aħħar ta' Settembru, li sabu ruħhom f'din it-traġedja... meta f'daqqa waħda dar ir-riħ u sabu ruħhom quddiem il-port. Wara li daħlu b'wiċċ il-ġid komplew il-wegħda li għamlu f'qasir żmien. Din hi l-verżjoni li sibna dokumentata.

Informazzjoni oħra kienet meta tkellimna ma' Ġanni Fenech li kien jaħdem il-luzzijiet f'remissa, fi Strada San Giuseppe, Marsaxlokk. Dan qalilna l-istorja eżatta kif qalha lilu nannuh. Ċertu Indri l-Ħalluqi ħareġ jistad ma' sħabu u meta ħarġu l-barra sew, bejn sema w ilma, qam riħ b'ċerta forza u kif ftehmu biex iduru lura, l-baħar żdied sew tant li sar perikoluż. Indri u sħabu bdew jaħsbu li mhux se jirnexxielhom jidħlu l-art, għalhekk talbu lil Sant'Andrija u għamlu wegħda li jekk jidħlu l-art qawwijin u sħaħ jagħmlu statwa ta' Sant'Andrija f'post fejn tidher. Fost battalja mal-mewġ, irnexxielhom jidħlu l-art. Wara xi jiem marru għand xi żewġ skulturi u wara marru għand qassis li aktarx kien il-konfessur ta'

Indri l-Ħalluqi.

Ix-xlukkajri qabdu lill-iskultur Vincenzo Dimech u fl- 1791 skolpixxa fil-gebel l-istatwa artistika li sa llum ghada tiddomina x-xatt ta' Marsaxlokk. F'din il-bicca xoghol wiehed jista' jammira opra tal-arti, xhieda tal -iskultur li ghamilha; l-anatomija, l-inklinazzjoni tal-qaddis fuq is-salib, l-espressjoni ta' wiccu, il-pareggi tal-mantel, u tant dettalji ohra artistici. Ghalkemm illum din l-istatwa ghadha mizmuma tajjeb hija hasra li matul iz-zmien inzebghat kemm il-darba bid-detriment li tilfet xi dettalji artistici li kien fiha.

Meta din l-istatwa tlestiet ġabuha fuq iz-zuntier tal-knisja sakemm tlesta l-pedestall. Meta tellgħuha fuq il-pedestall kitbu mal-ġebel: "Din hi wegħda maqlugħa fl-1781". Wara ġiet imwaħħla rħama bi skrizzjoni u tħassar il-kliem li kien inkiteb, izda meta ix-Xkukkajri raw l-istatwa fuq il-pedestall lesta, talbu lill-isqof Vincemzo Labini biex johrog l-indulgenzi lil min jieqaf jitlob quddiema, xhiedha tad-devozzjoni li kellhom ghal dan il-qaddis, sabiex fuq kollox iharishom waqt il-ħidma taghhom fil-bahar.


**Riferenzi:-**

Arkivju privat – Familja Theuma, Birkirkara

Ġanni Fenech 1980 qalha lili personali.

Ġamri Debono 1981 qalha lili personali.

Verżjonijiet verifikati mas-Sur Joe Zahra, Storiku mill-Birgu.

Tony Terribile – Kullana Kulturali *Nicec u statwi Fit-Toroq Maltin*.


